MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Marzu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Amber-Ann Zammit**
**(ID: 284695M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Amber-Ann Zammit** talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Novembru, 2018, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Nhar is-6 ta' Novembru 2018, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-5:00pm u s-7:00pm, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta' oggetti u cioè flus kontanti u/jew xi oggetti ohra, liema serq li sar ghad-dannu ta' Nicole Cutajar minn Hal-Gharghur huwa kkwalifikat bil-hin;

2. U aktar talli nhar is-6 ta' Novembru 2018, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn is-2:00pm u s-7:45pm, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta' oggetti u cioè flus kontanti u/jew xi oggetti

ohra, liema serq li sar ghad-dannu ta’ Noelle Micallef minn H’Attard huwa kkwalifikat bil-hin;

3. Kif ukoll talli nhar il-21 ta’ Novembru 2018, f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn is-7:30am u t-8:20am, f’dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta’ oggetti u cioè flus kontanti u/jew xi oggetti ohra, liema serq sar ghad-dannu ta’ Laura Demicoli, minn H’Attard;

4. Kif ukoll talli nhar it-22 ta’ Novembru 2018, f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn is-7:15am u d-9:00am, f’dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta’ oggetti u cioè flus kontanti u/jew xi oggetti ohra, liema serq sar ghad-dannu ta’ Gabriella Buttigieg mir-Rabat;

5. Kif ukoll talli nhar it-22 ta’ Novembru 2018, f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn is-6:00pm u s-6:32pm, f’dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta’ oggetti u cioè flus kontanti u/jew xi oggetti ohra, liema serq li sar ghad-dannu ta’ Kelly Estelle Azzopardi mis-Swieqi huwa ikkwalifikat bil-hin;

6. Kif ukoll talli nhar is-6 ta’ Frar 2019, f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn is-7:45am u 12:00am, f’dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta’ oggetti u cioè flus kontanti u/jew xi oggetti ohra, liema serq li sar ghad-dannu ta’ Janica Borg minn Marsaskala;

7. U finalment talli f’dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta’ Novembru 2018, kisret il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta b’sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Francesco Depasquale LL.D nhar l-14 ta Novembru 2016, hija kienet giet misjuba hatja ta’ reat u giet ikkundannata ghal libertà bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor matul il-perjodu ta’ tliet snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkonsidra l-pozizzjoni taghha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Probation Officer Sarah K. Bezzina u rat ir-rapport redatt minnha u pprezentat fis-seduta tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u wara li rat id-dokumenti esebiti il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-istess imputazzjonijiet gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghda tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputata mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-ufficjal tal-Probation. Il-Qorti qieghda tiehu wkoll in konsiderazzjoni illi l-imputata ikkommettiet ir-reati odjerni waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza li permezz taghha giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-imputata, li ghadha ta' età zghira, tista' tibbenefika minn Ordni ta' Probation sabiex tigi mghejuna terga' taqbad it-triq it-tajba.

Madankollu l-imputata trid tifhem li dan huwa t-tieni cans illi qed jaghtuha dawn il-Qrati u ghalhekk issa l-ghazla hi f'idejha jekk tridx tiehu din it-tieni opportunità. Opportunità simili jista' jkun li ma jkunx hemm jekk hija terga' twettaq xi reat.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261, 267, 270, 280 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata **Amber-Ann Zammit** hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u wara li rat artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda wkoll titratta maghha ghar-reat li tieghu giet misjuba hatja permezz tas-sentenza tal-14 ta' Novembru 2016, u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputata taht **ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u/jew jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputata u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputata.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur